

# Tluq Bikri mill-Iskola u Studenti b’Diżabbiltà u/jew bi Ħtiġijiet Edukattivi Speċjali

Rapport Sommarju Finali

EUROPEAN AGENCY
for Special Needs and Inclusive Education

# TLUQ BIKRI MILL-ISKOLA U STUDENTI B’DIŻABBILTÀ U/JEW BI ĦTIĠIJIET EDUKATTIVI SPEĊJALI

Rapport Sommarju Finali

L-Aġenzija Ewropea għall-Ħtiġijiet Speċjali u l-Edukazzjoni Inklużiva (l-Aġenzija) hija organizzazzjoni indipendenti u awtonoma. L-Aġenzija hija kofinanzjata mill-ministeri tal-edukazzjoni fil-pajjiżi membri tagħha u mill-Kummissjoni Ewropea, u sostnuta mill-Parlament Ewropew.

Kofinanzjat mill-Programm tal-Unjoni Ewropea Erasmus+

Is-sostenn tal-Kummissjoni Ewropea għall-produzzjoni ta' din il-pubblikazzjoni ma jikkostitwixxix l-approvazzjoni tal-kontenut li jirrifletti l-fehmiet tal-awturi biss, u l-Kummissjoni ma tistax tinżamm responsabbli għal kwalunkwe użu li jista' jsir mill-informazzjoni li hemm fiha.

Il-fehmiet espressi minn kwalunkwe individwu f'dan id-dokument mhux neċessarjament jirrappreżentaw il-fehmiet uffiċjali tal-Aġenzija, il-pajjiżi membri tagħha jew il-Kummissjoni.

Editur: Garry Squires

Estratti mid-dokument huma permessi sakemm issir referenza ċara għas-sors. Referenza għal dan ir-rapport għandha ssir kif ġej: L-Aġenzija Ewropea għall-Ħtiġijiet Speċjali u l-Edukazzjoni Inklużiva, 2017. *Tluq Bikri mill-Iskola u Studenti b'Diżabbiltà u/jew bi Ħtiġijiet Edukattivi Speċjali: Rapport Sommarju Finali.* (G. Squires, ed.). Odense, id-Danimarka

Bil-għan li tinkiseb aċċessibbiltà ikbar, dan ir-rapport huwa disponibbli f'25 lingwa u huwa f'format elettroniku aċċessibbli fuq il-websajt tal-Aġenzija: www.european-agency.org

Din hija traduzzjoni ta' test oriġinali bl-Ingliż. Fil-każ ta' dubju dwar l-akkuratezza tal-informazzjoni fit-traduzzjoni, jekk jogħġbok irreferi għat-test oriġinali bl-Ingliż.

ISBN: 978-87-7110-679-4 (Elettroniku)

**© European Agency for Special Needs and Inclusive Education 2017**

Segretarjat
Østre Stationsvej 33
DK-5000 Odense C Denmark
Tel: +45 64 41 00 20
secretariat@european-agency.org

Uffiċċju ta' Brussell
Rue Montoyer, 21
BE-1000 Brussels Belgium
Tel: +32 2 213 62 80
brussels.office@european-agency.org

# WERREJ


| | |
|---|---|
| INTRODUZZJONI | 5 |
| SFOND | 6 |
| SEJBIET | 6 |
| Definizzjoni u t-tqabbil tal-ESL bħala riżultat | 6 |
| L-immudellar tal-ESL huwa proċess li jinvolvi sett kumpless ta’ forzi li jinteraġġixxu | 9 |
| Sistemi ta’ monitoraġġ u għarfien bikri | 13 |
| RAKKOMANDAZZJONIJIET | 15 |
| RIŻULTATI TAL-PROĠETT | 18 |



# INTRODUZZJONI

It-tluq bikri mill-iskola (ESL) huwa definit b'mod wiesa' bħala l-fenomenu ta' żgħażagħ li jitilqu mill-edukazzjoni formali qabel ma jlestu l-iskola sekondarja ogħla. L-Unjoni Ewropea (UE) stabbilixxiet mira li tnaqqas l-ESL għal 10% madwar l-Istati Membri kollha sal-2020.

Bejn l-2015 u l-2016, l-Aġenzija Ewropea għall-Ħtiġijiet Speċjali u l-Edukazzjoni Inklużiva (l-Aġenzija) wettqet proġett dwar it-Tluq Bikri mill-Iskola. L-ewwel parti tal-proġett kienet tinvolvi analiżi tal-letteratura biex tiġi esplorata r-riċerka analizzata minn esperti mwettqa fl-Ewropa. Minn dan irriżulta li l-letteratura li tirrapporta dwar ir-riċerka fl-Ewropa kienet skarsa. B'hekk ittieħdet deċiżjoni li tiġi inkluża letteratura minn madwar id-dinja, l-aktar mill-Istati Uniti u mill-Awstralja, fejn l-ESL għandu storja politika itwal u kien ta' tħassib partikolari. Il-letteratura li torbot l-ESL mal-istudenti b'diżabilitajiet u/jew bi ħtiġijiet edukattivi speċjali mhijiex żviluppata sew. Madankollu, jidher ċar li l-istudenti b'diżabilitajiet/bi ħtiġijiet edukattivi speċjali u huma partikolarment f'riskju li jitilqu kmieni mill-iskola. Dan wassal għall-produzzjoni tal-ewwel rapport tal-proġett, li ddeskriva kif twettqet l-analiżi tal-letteratura u s-sejbiet ewlenin (l-Aġenzija Ewropea, 2016).

It-tieni parti tal-proġett kienet tinvolvi t-tqabbil tal-politika tal-UE mal-letteratura stabbilita. It-tieni rapport esplora l-livell sa fejn il-politiki tal-UE jirriflettu l-evidenza li tinsab fil-letteratura (l-Aġenzija Ewropea, 2017). Ir-rapport ikkonkluda li l-politika hija ġeneralment konsistenti mas-sejbiet tar-riċerka.

L-analiżi tal-letteratura u kif inhi riflessa fil-politika wasslet għat-taħlit taż-żewġ approċċi. Dan wassal għall-iżvilupp ta' mudell li jista' jintuża madwar l-Istati Membri biex wieħed jifhem dak li qed jiġri f'kull wieħed minnhom. Dan jista' jintuża wkoll lokalment biex jgħin lil dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet biex jinvolvu lil dawk b'interess u biex jiżviluppaw politiki biex inaqqsu l-ESL. Dan l-approċċ jissupera l-varjazzjonijiet fid-definizzjonijiet ta' ESL u ta' diżabilitajiet/ħtiġijiet edukattivi speċjali. Dan jippermetti li tingħata kunsiderazzjoni lit-trasferibbiltà tas-sejbiet tar-riċerka li jistgħu jkunu speċifiċi għal-lokalità li fiha tkun twettqet ir-riċerka.

Dan ir-rapport sommarju finali jiddeskrivi l-evidenza u l-ideat ewlenin. Dan jippreżenta mill-ġdid il-mudell għar-riflessjoni dwar l-ESL li evolva mill-ewwel żewġ rapporti, flimkien mar-rakkomandazzjonijiet ewlenin għal dawk li jfasslu l-politiki.[1]

[1] Għall-iskop ta' tqassir, dan ir-rapport sommarju ma jinkludix referenzi għal-letteratura sottostanti għaliex din hija pjuttost estensiva. Iż-żewġ rapporti oriġinali fihom lista kompleta ta' riċensjoni u dokumenti dwar il-politika (Aġenzija Ewropea, 2016; 2017).

# SFOND

Hemm kunsens li t-tlestija tal-edukazzjoni sekondarja ogħla hija kruċjali għall-opportunitajiet fil-ħajja, il-benesseri, is-saħħa, l-impjieg u t-tnaqqis tar-riskju ta' esklużjoni soċjali tal-individwu. Ir-rati ta' tlestija tal-iskola sekondarja ogħla jvarjaw madwar l-Istati Membri tal-UE, bir-rati ta' ESL li jvarjaw minn 4.4% għal 21.9% fl-2014. It-tnaqqis tal-ESL ġie identifikat bħala prijorità għal azzjoni, bil-għan li dan jitnaqqas għal 10% madwar l-Istati Membri kollha sal-2020. Hemm xi evidenza ta' progress lejn dan l-għan, bil-valur medju li waqa' minn 14.3% fl-2009 għal 11.1% fl-2015. L-istudenti b'diżabilitajiet/bi ħtiġijiet edukattivi speċjali huma meqjusin vulnerabbli għall-ESL u dan jippreżenta sfidi addizzjonali għall-Istati Membri. Ir-rispons għal studenti b'diżabilitajiet/bi ħtiġijiet edukattivi speċjali u t-titjib tar-rati ta' tlestija tal-iskola tagħhom ikun konsistenti mal-Għan ta' Żvilupp Sostenibbli usa' dwar l-edukazzjoni (SDG 4) tal-UNESCO sal-2030.

# SEJBIET

Il-proġett uża l-letteratura eżistenti fil-qasam tal-ESL u qabbilha mad-dokumenti ta' politika tal-UE biex jesplora l-isfidi li qed jiffaċċjaw dawk li jfasslu l-politiki meta jiżviluppaw azzjonijiet biex inaqqsu l-ESL. Is-sejbiet jindikaw:

- diffikultajiet biex jintlaħaq qbil u jiġu applikati definizzjonijiet komuni;
- il-ħtieġa li l-ESL jitqies bħala sett ta' proċessi li jitwettqu matul il-ħajja ta' student, aktar milli bħala riżultat;
- hemm sottogruppi differenti ta' studenti li jistgħu jesperjenzaw l-ESL u kull wieħed huwa soġġett għal riskji u għal fatturi protettivi differenti;
- l-azzjonijiet stabbiliti fil-politika huma diviżi f'dawk li jiffukaw fuq il-prevenzjoni, l-intervent jew il-kumpens;
- il-fokus għall-azzjoni jeħtieġ ikun f'livelli differenti u dawn jinkludu fokus fuq it-titjib fl-iskola, fokus fuq l-ingaġġ u l-motivazzjoni tal-istudenti, u fokus fuq l-aspetti soċjali usa' tal-ħajjiet tal-istudenti.

Is-sejbiet intużaw biex jiġi żviluppat mudell li jinforma t-teħid ta' deċiżjonijiet fil-livell tal-UE, fil-livell nazzjonali u l-livell lokali.

## Definizzjoni u t-tqabbil tal-ESL bħala riżultat

Il-kejl u t-tqabbil tal-ESL madwar l-Istati Membri ma jiġix mingħajr l-isfidi tiegħu. Pajjiżi differenti għandhom etajiet differenti li fihom iż-żgħażagħ jistgħu jitilqu legalment

mill-edukazzjoni formali, li jvarjaw minn 14 sa 18-il sena. Estêvão u Álvares (2014) jiddistingwu bejn definizzjonijiet formali u dawk funzjonali. Dawk ta’ qabel huma bbażati fuq l-età legali għat-tluq mill-iskola; dawk tal-aħħar huma fejn l-ESL jirreferi għat-tluq mill-iskola mingħajr il-ħiliet u l-kwalifiki adegwati biex wieħed isib impjieg tajjeb, irrispettivament mill-età meta jitlaq. Dan jipprovdi possibilitajiet differenti biex isiru kalkoli tal-ESL:

- Dawk li jitilqu mill-iskola qabel ma jkunu legalment permessi jagħmlu dan fi Stati Membri partikolari
- Dawk li jitilqu mill-iskola mingħajr kwalifiki adegwati biex isibu xogħol
- Dawk li jibqgħu fl-iskola sakemm jilħqu l-età legali biex jitilqu mill-iskola, iżda li ma jkollhomx kwalifiki adegwati.

Mal-ewwel daqqa’ t’għajn, l-istudenti b’diżabilitajiet/bi ħtiġijiet edukattivi speċjali jidhru li huma partikolarment suxxettibbli biex jitilqu mill-iskola mingħajr il-kwalifiki adegwati irrispettivament mill-età meta jitilqu mill-iskola u li huma l-aktar probabbli li jkunu kklassifikati bħala “żgħażagħ mhux f'impjieg, edukazzjoni jew taħriġ” (NEET). Madankollu, dan jiddependi fuq il-gruppi ta’ studenti li huma inklużi fil-kategorija ta' diżabilitajiet/ħtiġijiet edukattivi speċjali. Xi pajjiżi għandhom interpretazzjoni wiesgħa ta’ diżabilitajiet/ħtiġijiet edukattivi speċjali li tinkludi studenti li ma jagħmlux biżżejjed progress, filwaqt li pajjiżi oħra jirrestrinġu t-terminu għal dawk b’diffikultajiet severi. Huwa evidenti wkoll li xi gruppi soċjali għandhom probabbiltà ikbar b’mod sproporzjonat li jiġu identifikati li huma b’diżabilitajiet/bi ħtiġijiet edukattivi speċjali. Dawn jinkludu dawk minn sfondi etniċi minoritarji, li għandhom stat soċjoekonomiku baxx jew li jiġu minn sfond żvantaġġjat. Dan iservi biex ifakkar li l-istudenti b’diżabilitajiet/bi ħtiġijiet edukattivi speċjali mhumiex grupp omoġenju u li dawn għandhom ħtiġijiet ta’ tagħlim u soċjali distinti.

Hija meħtieġa attenzjoni meta ssir riflessjoni dwar xi tfisser “kwalifika adegwata” u x’tipi ta’ impjieg jew edukazzjoni addizzjonali huma previsti. Hemm xi evidenza li xi gruppi partikolari ta’ studenti b’diżabilitajiet/bi ħtiġijiet edukattivi speċjali għandhom rotot ta’ tranżizzjoni prestabbiliti bejn l-edukazzjoni sekondarja u post-sekondarja li jiffukaw fuq kwalifiki partikolari irrispettivament mill-abbiltajiet jew mill-aspirazzjonijiet tal-istudenti. Dan iwassalhom biex jitilqu mill-edukazzjoni mingħajr kwalifiki adegwati biex isibu impjieg fi stadju aktar tard jew iwassalhom biex jitilqu qabel ma jiksbu l-kwalifiki. Diversi studji sabu li l-istudenti b’diżabilitajiet/bi ħtiġijiet edukattivi speċjali isibu t-tranżizzjonijiet iktar diffiċli mill-pari tagħhom u dan iwassal għal riskju miżjud ta’ ESL jew livelli ta’ kwalifiki iktar baxxi.

Id-definizzjoni tal-UE għall-ESL użata minn Eurostat tidher ukoll li hija definizzjoni funzjonali, fis-sens li din teħtieġ it-tlestija tal-livell tal-edukazzjoni sekondarja ogħla (Kaxxa 1).

*L-Unjoni Ewropea tiddefinixxi l-istudenti li jħallu l-iskola kmieni bħala persuni fl-età minn 18 għal 24 sena li għandhom biss edukazzjoni tal-iskola medja jew inqas u li ma għadhomx fl-edukazzjoni jew taħriġ.*

*L-istudenti li jħallu l-iskola kmieni għalhekk huma dawk li kisbu biss l-edukazzjoni ta' qabel il-primarja, primarja, medja jew sekondarja ogħla qasira ta' inqas minn sentejn* (il-Kummissjoni Ewropea, 2011).

**Kaxxa 1. Id-definizzjoni tal-Unjoni Ewropea użata minn Eurostat.**

Id-definizzjoni ta' Eurostat hija soluzzjoni pragmatika biex wieħed jittratta l-varjazzjoni fil-kejl tal-ESL madwar l-Istati Membri billi tistabbilixxi kejl komuni tal-edukazzjoni sekondarja ogħla. Il-vantaġġ huwa li stati individwali jistgħu jkejlu l-impatt ta' kwalunkwe miżura li jieħdu biex inaqqsu l-ESL. Madankollu, xi Stati Membri jikkunsidraw l-ESL bħala li tfisser ħruġ mill-edukazzjoni qabel ma titlesta l-edukazzjoni sekondarja ogħla, filwaqt li għal oħrajn tfisser it-tluq mill-iskola mingħajr kwalifiki adegwati. Il-paragun huwa kkumplikat iktar minħabba l-fatt li pajjiżi differenti għandhom kwalifiki għat-tlestija tal-iskola differenti bi proporzjonijiet differenti ta' studenti mistennija jiksbuhom. Fl-2003, il-Kunsill tal-Ministri tal-Edukazzjoni tal-UE enfasizza l-importanza tal-ħtieġa għal kwalifiki adegwati biex "jiggarantixxu impjieg sħiħ u koeżjoni soċjali" (il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea, 2003, p. 4). L-isforzi biex wieħed jasal għal miżura komuni huma kkumplikati minn amministrazzjonijiet differenti li jippreferu jużaw definizzjonijiet differenti għall-iskopijiet tagħhom stess. Bħala konsegwenza, mhux l-Istati Membri kollha jużaw id-definizzjoni ta' Eurostat.

Komplikazzjoni oħra tirriżulta mill-kunċett li wieħed "ma jibqax fl-edukazzjoni jew fit-taħriġ". Dan huwa simili għall-NEET, li jintuża madwar diversi Stati Membri. Madankollu, filwaqt li jista' jkun li l-popolazzjoni tal-NEET u l-ESL jikkoinċidu, dawn mhumiex eżattament l-istess. Il-kategorija ta' NEET għandha l-problemi definiti tagħha stess u xi pajjiżi għandhom subdiviżjonijet tal-kategorija tal-NEET.





Hemm diffikultajiet ċari fid-definizzjoni tal-ESL madwar Stati Membri differenti. Minkejja dan, l-għan globali ta' tnaqqis tar-rati ta' ESL fost l-istudenti kollha huwa megħjun mit-tentattiv li jkun hemm miżura komuni biex jingħata numru tal-istudenti li qed jesperjenzaw l-ESL. Dan il-mod kif jiġi definit l-ESL jippreżentah bħala riżultat; dan huwa kejl tan-numru ta' studenti li jitilqu mill-edukazzjoni. Bħala konsegwenza, id-definizzjoni ma tispjegax għaliex dawn jitilqu. Li wieħed jifhem għaliex l-istudenti jitilqu kmieni mill-iskola jista' jgħin jixpruna l-policy u jinforma l-azzjonijiet li jridu jittieħdu.

Bl-istess mod, il-letteratura tuża diversi termini biex tirreferi għall-ESL, bħal (persuna li) "titlaq", "tiġi mbuttata 'l barra", "tirtira", "taqa' 'l barra", "tibda taqta'", "taqta' bil-mod", "tagħżel li titlaq", "titlaq kmieni" u "ma tlestix" (l-iskola). It-termini jintużaw b'mod differenti u xi awturi jużawhom biex jirreferu għall-ESL bħala riżultat. Awturi oħrajn jużaw it-termini b'mod li jissuġġerixxi li jistgħu jkunu qed iseħħu proċessi differenti fost is-sottogruppi differenti ta' studenti li jwasslu għal rotot differenti lejn l-ESL. Dan jimplika li l-ESL huwa fenomenu b'ħafna uċuh li jeħtieġ azzjonijiet differenti għal gruppi differenti ta' studenti.

## L-immudellar tal-ESL huwa proċess li jinvolvi sett kumpless ta' forzi li jinteraġġixxu

Jekk l-ESL huwa l-riżultat tal-proċessi differenti li joperaw b'mod differenti għal individwi differenti, jidher probabbli li ma hemmx kors uniku ta' azzjoni li se jwassal għal tnaqqis fl-ESL. Pjuttost huwa neċessarju li jiġi kkunsidrat li l-proċessi jistgħu jwasslu lil xi studenti biex jikkompletaw l-edukazzjoni sekondarja ogħla b'suċċess filwaqt li oħrajn ma jirnexxux. Approċċ li rriżulta utli biex wieħed jifhem il-kumplessità kien l-użu tal-Analiżi tal-Kamp tal-Forza (Force Field Analysis), mfassla minn Kurt Lewin (1943). Għal student individwali speċifiku, hemm diversi forzi involuti. Uħud jimbuttaw lill-istudent lejn ir-riżultat mixtieq, jiġifieri dak li jlesti l-edukazzjoni tal-iskola sekondarja ogħla; forzi oħra jimbuttawh fid-direzzjoni opposta u jwasslu għall-ESL. Wieħed jista' jħares lejn il-forzi li jimbuttaw lejn l-ESL bħala sett ta' riskji li joperaw fil-livell tal-organizzazzjoni tal-iskola, l-istudent jew is-sitwazzjoni tal-istudent, jew l-interazzjoni bejn l-istudent u l-iskola. It-tieni rapport ġabar il-fatturi ta' riskju fi gruppi b'mod tematiku madwar sett ta' temi biex jipprovdi fokus (għal iktar dettalji dwar ir-riskji, irreferi għall-Appendiċi 1 tal-Aġenzija Ewropea, 2017).

Fil-livell tal-organizzazzjoni tal-iskola dawn kienu jinkludu: fokus fuq id-dixxiplina skolastika, fokus fuq l-għalliema, fokus fuq il-kurrikulu, u fokus fuq l-iskola fi ħdan il-komunità lokali. Meta dawn l-oqsma ma jkunux tajbin, l-effett globali huwa li l-iskola taġixxi b'mod li jwassal biex l-istudent jiġi mbuttat 'il barra mill-edukazzjoni. Il-proċess sottostanti huwa magħruf bħala **push-out** (il-persuna tiġi mbuttata 'l barra). Fil-livell tal-istudent jew is-sitwazzjoni tal-istudent, il-punti ta' fokus kienu jinkludu: fokus finanzjarju, fokus fuq il-familja, fokus fuq l-impjieg, fokus fuq is-saħħa, u fokus fuq il-pari. Dawn normalment huma forzi li jiġbdu

l-istudent barra mill-iskola; dan il-proċess huma magħruf bħala **pull-out** (il-persuna tirtira). Il-punti ta' fokus li jirriflettu l-interazzjoni bejn l-istudent u l-iskola jirriflettu dawk ir-riskji li jwasslu biex l-istudent gradwalment jaqa' barra mill-edukazzjoni. Dan huwa magħruf bħala **fall-out** (il-persuna taqa' barra). Dawn kienu jinkludu: fokus fuq is-suċċess akkademiku, fokus fuq il-motivazzjoni, u fokus fuq is-sens ta' appartenenza għall-iskola.

Li wieħed jirrealizza li hemm tliet proċessi distinti qed joperaw, b'riskji differenti għal individwi differenti, jippermetti li jiġu żviluppati azzjonijiet biex inaqqsu l-ESL madwar tliet oqsma ewlenin:

- dawk li jwasslu għal titjib fl-iskola;
- dawk relatati mat-titjib tal-ħajjiet tal-istudenti barra mill-iskola;
- dawk li għandhom l-għan li jtejbu s-suċċess akkademiku, il-motivazzjoni u s-sens ta' appartenenza għall-iskola tal-istudenti.

Madankollu, minkejja dawn il-fatturi ta' riskju, hemm xi studenti li jirnexxu. Għalhekk, irid ikun hemm sett ta' fatturi protettivi li joperaw fid-direzzjoni opposta. Pereżempju, għal xi studenti b'diżabilitajiet/bi ħtiġijiet edukattivi speċjali dan jista' jkun l-ispirtu ta' skola inklużiva li fiha hemm relazzjonijiet tajbin bejn l-għalliema u l-istudenti; fokus fuq il-kurrikulu li jaqbel mal-ħtiġijiet tal-istudenti; ingaġġ mal-ġenituri li jsostnu l-iskola u azzjoni biex l-istudent jiġi motivat permezz tal-inkoraġġiment; u riżorsi ekonomiċi biżżejjed għall-familja li jippermettu lill-istudent ikompli bl-edukazzjoni.

Għal kull student individwali, huwa teoretikament possibbli li jiġu sorveljati r-riskji u l-fatturi protettivi u li mbagħad wieħed jifhem il-probabbiltà ta' ESL. Fil-livell tal-popolazzjoni, jidher li jekk wieħed jifhem ir-riskji u l-fatturi protettivi involuti dan iwassal għal azzjonijiet f'livelli differenti (nazzjonali, tal-iskola, tal-familja, tal-individwu). Fid-dokumenti tal-politika tal-UE, it-tipi ta' azzjonijiet possibbli huma miġbura flimkien bħala prevenzjoni, intervent jew kumpens. Awturi differenti jużaw dawn it-tliet termini b'mod differenti. F'dan ir-rapport, dawn huma mifhuma kif ġej:

- Il-prevenzjoni għandha tinvolvi l-antiċipazzjoni tar-riskji u t-teħid ta' azzjoni qabel iqumu.
- L-intervent jaċċetta li r-riskji jkomplu jeżistu, iżda jipprova jegħlibhom jew isaħħaħ il-fatturi protettivi.
- Il-kumpens jittratta s-sitwazzjoni fejn l-edukazzjoni ma rnexxietx kif kien ippjanat u jippermetti għal tieni ċans ta' tagħlim jew iżid l-opportunitajiet ta' tagħlim tul il-ħajja.

L-interazzjoni tar-riskji, il-fatturi protettivi, il-prevenzjoni, l-intervent u l-kumpens jistgħu jkunu rrappreżentati f'mudell li jista' jintuża lokalment jew fuq livell nazzjonali biex titfassal mappa tal-forzi partikolari involuti u l-azzjonijiet biex jiġi indirizzat l-ESL. Dan kien magħruf bħala t-tieni rapport u huwa riprodott hawnhekk bħala Figura 1.




**Figura 1: Il-forzi li jwasslu lejn u 'l bogħod mill-ESL (Sors: L-Aġenzija Ewropea, 2017, p. 20)**



Kif spjegat diġà, hemm proċessi differenti involuti (l-istudenti jiġu mbuttati ’l barra, jirtiraw u jaqgħu ’l barra). Dawn joperaw f’livelli differenti (l-organizzazzjoni tal-iskola, l-istudent jew is-sitwazzjoni tal-istudent, l-interazzjoni bejn l-istudent u l-iskola). Dan ifisser li l-mudell jista’ jiġi replikat għal kull proċess u livell.




**Figura 2: Mudell tal-forzi u l-proċessi involuti fl-ESL (Sors: l-Aġenzija Ewropea, 2017, p. 22)**

Il-mudell huwa maħsub biex ikun flessibbli billi jħeġġeġ ir-riflessjoni dwar it-tliet proċessi ewlenin u r-riskji assoċjati u l-fatturi protettivi assoċjati mal-livell ta’ politika li tkun qed tiġi

kkunsidrata (internazzjonali, nazzjonali, lokali jew tal-iskola). Dan jista’ jwassal għal sett ta’ azzjonijiet imfasslin apposta li għandhom: fokus fuq is-soċjetà usa’ fuq kwistjonijiet li jinfluwenzaw il-ħajjiet tal-istudenti; fokus fuq it-titjib fl-iskola; jew fokus individwali li jibni fuq is-suċċess akkademiku, it-titjib fil-motivazzjoni u t-titjib fl-ingaġġ fl-edukazzjoni.

Filwaqt li l-mudell iħeġġeġ ir-riflessjoni fuq kull wieħed mit-tliet proċessi fejn l-istudent jiġi mbuttat ’l barra, jirtira u jaqa’ barra, dan ma jfissirx li student individwali huwa soġġett biss għal proċess uniku. Dan jikkuntrasta mal-istudju tal-Parlament Ewropew (2011), li enfasizza sottogruppi distinti ta’ studenti. Huwa possibbli li student ikun soġġett għal interazzjoni kumplessa tat-tliet proċessi kollha matul il-ħajja u l-edukazzjoni tiegħu (irreferi għall-Aġenzija Ewropea, 2017, p. 23 għal eżempju).

Dan ir-rapport sommarju jaqbel mal-fehma ta’ Coffield (1998) li huwa iktar importanti li jkun hemm fokus fuq l-azzjonijiet relatati mal-intervent u l-prevenzjoni aktar milli mal-kumpens. Madankollu, qed jiġu żviluppati xi approċċi ta’ kumpens impressjonanti, bħal Youthreach fl-Irlanda li jidher li qed jindirizza l-ħtiġijiet tal-istudenti li waqgħu barra mill-edukazzjoni mainstream. Awturi oħra jissuġġerixxu li l-kumpens probabbilment ikun ta' benefiċċju wkoll għall-istudenti li jkunu telqu kmieni mill-edukazzjoni minħabba li jkunu rtiraw kawża ta’ avvenimenti fil-ħajja personali tagħhom. Dawn jistgħu jinkludu raġunijiet finanzjarji, raġunijiet familjari, il-bżonn li jieħdu ħsieb lil xi ħadd, relazzjonijiet jew responsabbiltajiet ta’ ġenituri.

## Sistemi ta’ monitoraġġ u għarfien bikri

Id-definizzjoni ta’ ESL f’termini ta’ riżultati tagħmel il-monitoraġġ madwar l-Istati Membri iktar faċli. Dan jippermetti li l-iskala globali tal-problema tiġi mifhuma u li l-politiki u l-azzjonijiet jiġu evalwati. Dan il-kalkolu sempliċi tan-numru ta’ persuni jissuġġerixxi li madwar l-Ewropa, l-ESL qed jonqos u li qed isir progress lejn il-mira tal-2020. Madankollu, sistemi ta’ monitoraġġ sempliċi għandhom valur limitat, minħabba l-kumplessità tal-proċessi sottostanti għall-ESL. Dawn ma jippermettux li jsir monitoraġġ ta’ gruppi differenti ta’ studenti b’diżabilitajiet/bi ħtiġijiet edukattivi speċjali jew f’reġjuni differenti ta’ kull pajjiż. Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea jippromwovi l-iżvilupp ta’ firxa wiesgħa ta’ indikaturi, b’ħames użi prinċipali għad-data:

- għarfien bikri dwar studenti f’riskju ta’ ESL;
- definizzjoni ta’ kriterji u indikaturi tal-iżvantaġġi edukattivi;
- il-fehim tar-raġunijiet għall-ESL;
- l-użu ta’ data f’livelli ta’ politiki differenti biex jitmexxa u jiggwida l-iżvilupp ta’ politiki;
- il-provvista tal-bażi għal gwida u sostenn fl-iskejjel.



Is-sistemi ta' għarfien bikri ġew żviluppati għall-istudenti b'diżabilitajiet/bi ħtiġijiet edukattivi speċjali f'riskju ta' ESL u implimentati f'ħafna distretti skolastiċi fl-Istati Uniti. Fl-Ewropa qegħdin jintużaw sistemi simili. Dawn is-sistemi ġeneralment jinkludu miżuri konjittivi u komportamentali u fokus fuq studenti individwali bil-potenzjal li jtejbu s-sostenn u jnaqqsu l-effett ta' studenti li jaqgħu barra. Madankollu, Figura 2 tissuġġerixxi li huwa meħtieġ sett usa' ta' indikaturi biex ikopri l-punti fokali differenti assoċjati mar-riskji u l-proċessi differenti li jwasslu l-istudenti biex jiġu mbuttati 'l barra, jirtiraw u jaqgħu barra sabiex jinformaw l-azzjonijiet assoċjati mal-prevenzjoni u l-intervent. Dan jista' jwassal lis-sistemi ta' monitoraġġ biex jagħmlu użu minn:

- Kejl tal-fatturi fil-livell nazzjonali u tas-sistema edukattiva, bħar-rati tat-tlestija tal-iskola, il-prestazzjoni ta' gruppi ta' studenti b'karatteristiċi ta' sfond differenti inklużi diżabilitajiet/ħtiġijiet edukattivi speċjali, il-livelli ta' inugwaljanza soċjali, u l-istat tas-suq tax-xogħol. Dawn jipprovdu xi indikazzjoni tal-isfond soċjali usa' tal-istudenti, kif ukoll indikaturi differenzjali tar-riżultati edukattivi.
- Il-kejl ta' fokus lokali u fokus fuq l-iskola, bħall-prestazzjoni skolastika tal-individwu, il-livelli ta' inklużjoni, ir-relazzjonijiet bejn l-għalliema u l-istudenti, il-kwalità tat-tagħlim u t-tgħallim, u r-rotot u l-għażliet tal-kurrikulu.
- Kejl b'fokus individwali, bħal dawk li jkejlu l-attendenza, l-ingaġġ skolastiku, l-effett emozzjonali, l-abilità konjittiva, l-ilħuq, il-motivazzjoni, is-sens ta' appartenenza, il-bidliet fiċ-ċirkostanzi individwali jew tal-familja, u l-fehmiet u l-aspirazzjonijiet tal-istudent.

# RAKKOMANDAZZJONIJIET

It-tieni rapport (l-Aġenzija Ewropea, 2017) kien jinkludi rakkomandazzjonijiet għal dawk li jfasslu l-politiki. Dawn huma ripetuti hawnhekk:

1. L-isforzi politiċi attwali fir-rigward tal-ESL huma promettenti. L-isforzi biex l-ESL jiġi definit b'mod ċar, biex jiġu stabbiliti sistemi ta' monitoraġġ (fil-livell nazzjonali, lokali u individwali) li jidentifikaw il-livell tal-problema u l-impatti ta' kwalunkwe intervent, u biex id-definizzjonijiet u l-indikaturi jsiru utli għat-tqabbil transnazzjonali kollha jidhru li huma passi utli. Kompitu prinċipali għal dawk li jfasslu l-politiki fil-livell nazzjonali u Ewropew huwa li jestendu dawn l-isforzi sabiex il-pajjiżi kollha Ewropej ikollhom bażi adegwata biex jiżviluppaw interventi ta' politika.

2. Fl-istess ħin li l-kopertura tas-sistemi ta' monitoraġġ attwali tiġi estiża, madankollu, hemm każ sod biex dawn isiru iktar sensittivi għar-realtajiet tal-marġinalizzazzjoni edukattiva. Is-soluzzjoni hija li jkun hemm ċaqliq 'il bogħod minn definizzjonijiet

b'aspett wieħed u indikaturi individwali. Trid tingħata wkoll xi kunsiderazzjoni għall-konnessjonijiet bejn l-ESL u forom oħra ta' riżultati edukattivi subottimali, il-proċessi kumplessi li jwasslu għall-ESL, u d-diversi modi kif il-gruppi differenti u l-individwi jaslu biex jesperjenzaw ESL.

Dan huwa possibbli jekk dawk li jfasslu l-politiki jaħdmu biex jiżviluppaw sistemi ta' monitoraġġ iktar sofistikati. Idealment, sistemi bħal dawn għandhom jirreġistraw firxa ta' riżultati edukattivi (ilħuq, progressjoni lejn esperjenzi oħra edukattivi, riżultati ta' impjieg, eċċ), għandhom jagħmlu dan fil-livell tal-istudent individwali, u għandhom ikunu kapaċi jikkollegaw id-data tar-riżultati mad-data dwar l-isfondi u l-esperjenzi edukattivi tal-istudenti.

3. Sistemi ta' monitoraġġ sofistikati fil-livell nazzjonali huma biss parti mir-rispons. Livelli differenti ta' sistemi edukattivi jeħtieġu informazzjoni tajba dwar dak li qed jiġri lill-istudenti li huma responsabbli għalihom. B'mod partikolari, l-iskejjel jeħtieġu jkunu jafu x'qed jiġri lill-individwi – liema riskji qed jiffaċċjaw, liema riżultati edukattivi qed jiksbu, u kif dawn qed iwieġbu għall-interventi. Għalhekk, dawk li jfasslu l-politiki jeħtieġ li jappoġġjaw l-iskejjel u livelli oħra ta' sistemi meta jistabbilixxu u jużaw is-sistemi ta' monitoraġġ tagħhom stess. F'ħafna skejjel, id-data neċessarja se tkun disponibbli diġà, iżda tista' tkun mifruxa f'postijiet differenti u aċċessata minn għalliema differenti u professjonisti oħrajn. Il-kompitu, għalhekk, jista' jkun fil-parti l-kbira tiegħu wieħed ta' kollazzjoni u ta' appoġġ għall-iskejjel biex jifhmu l-aħjar mod kif jużaw id-data li diġà għandhom disponibbli.

4. Is-sistemi ta' monitoraġġ huma biss ta' valur jekk dawn jifformaw il-bażi għal interventi effettivi. L-evidenza tar-riċerka turi biċ-ċar li interventi bħal dawn iridu jkunu mifruxa. Huwa improbabbli ħafna li interventi b'aspett wieħed imwettqa biss meta r-riskju ta' ESL huwa sever se jkunu adegwati biex inaqqsu n-numri ta' ESL b'mod sinifikanti jew biex jikkollegaw kwalunkwe tnaqqis ma' titjib sinifikanti fir-riżultati edukattivi. L-interventi jridu jkopru l-kors tal-ħajja tal-istudenti, jinkludu l-aspetti kollha tal-esperjenza edukattiva tagħhom u jestendu lil hinn mill-ambjenti tal-edukazzjoni għall-fatturi ta' sfond fil-familji u s-soċjetajiet li jpoġġu lill-istudenti f'riskju. Dawn għandhom jinkludu interventi meta r-riskji huma ovvji, iżda wkoll miżuri preventivi biex qabel xejn iwaqqfu r-riskji milli joħorġu.

Il-kunċentwalizzazzjoni u r-raggruppar ta' interventi bħal dawn huma sfidi kbar għal dawk li jfasslu l-politiki. Il-mudell li ġie żviluppat jipprovdi qafas kunċettwali li fih jistgħu jiġu żviluppati l-interventi. Madankollu, jidher ċar li hemm ħafna aspetti tal-politika edukattiva – u ta' politika soċjali usa' – li huma involuti fil-ġlieda kontra l-ESL. Il-koordinazzjoni madwar dawn it-taqsimiet differenti ta' ministeri tippreżenta sfida

formidabbli. Madankollu, din l-isfida, tista' titnaqqas billi l-politika għat-tnaqqis tal-ESL titqies bħala parti minn sforzi politiċi usa' għat-titjib tar-riżultati edukattivi u t-tnaqqis tal-inugwaljanza u l-marġinalizzazzjoni edukattiva. It-tnaqqis tal-ESL b'hekk mhuwiex sempliċement prijorità politika *oħra*, iżda riżultat ta' dawn l-azzjonijiet politiċi usa'.

B'mod partikolari, dawk li jfasslu l-politiki jistgħu jsibu utli li jċaqilqu l-fokus tal-isforzi tagħhom 'il bogħod mill-prevenzjoni ta' ESL bħala riżultat waħdu mkejjel f'termini ta' kwalifiki u/jew punti ta' tluq, lejn komprensjoni iktar funzjonali tal-fenomenu. Il-mistoqsija prinċipali, fi kliem ieħor, hija mhux kemm-il żagħżugħ jitlaq mill-iskola qabel xi punt li ftit jew wisq ikun arbitrarju, iżda kemm jitilqu qabel ma jkunu ppreparati sew biex jirnexxu fid-dinja adulta. Dan iqajjem iktar mistoqsijiet fundamentali dwar l-iskopijiet tas-sistemi tal-edukazzjoni u l-effettività tagħhom biex jiksbu dawk l-iskopijiet.

5. Bħalma s-sistemi ta' monitoraġġ jeħtieġ li jkunu stabbiliti fil-livelli kollha tas-sistemi tal-edukazzjoni, l-istess jeħtieġ li jintużaw interventi effettivi fil-livelli kollha, mhux tal-inqas fl-iskejjel. Huwa probabbli li l-inizjattivi nazzjonali maqtgħin għalihom ftit li xejn jistgħu jiksbu riżultati sakemm ma jkunux inkorporati fl-isforzi għat-titjib tal-kwalità u l-effettività tal-livelli kollha tas-sistema tal-edukazzjoni, u fl-isforzi lokali, fl-iskola u fil-klassi biex jiġi żgurat li kull student ikollu opportunitajiet siewja biex jagħmel hekk. Kompitu ewlieni għal dawk li jfasslu l-politiki, għalhekk, huwa li jingħata appoġġ lill-iskejjel u livelli ta' sistema oħra biex iwettqu dan il-kompitu.

6. Il-bażi tal-evidenza fuq id-diżabilitajiet/ħtiġijiet edukattivi speċjali u l-ESL hija inqas sostanzjali milli wieħed jixtieq. Madankollu, dak li turi huwa pjuttost konformi mal-evidenza mill-edukazzjoni mainstream. Dawk li jfasslu l-policies għandhom raġun li jaraw l-istudenti b'diżabilitajiet/bi ħtiġijiet edukattivi speċjali bħala grupp f'riskju u li jiżguraw li jkun hemm interventi mmirati biex iżommu dak il-grupp fl-edukazzjoni. Madankollu, ir-riskji għal dak il-grupp mhumiex sostanzjalment differenti minn dawk għal gruppi oħrajn u, għalhekk, dawn jeħtieġu jkunu inklużi fl-interventi u l-prattiki mainstream, pjuttost milli jkunu ttrattati bħala każ speċjali kompletament separat. Bħalma jista' jkun mistenni mill-evidenza dwar l-ESL b'mod ġenerali, jidher probabbli li skejjel ta' kwalità tajba li jwieġbu għall-karatteristiċi individwali u jintervjenu kmieni f'diffikultajiet individwali huma s-soluzzjoni għat-tnaqqis tal-ESL. Jekk il-prattiki ta' skejjel bħal dawn huma mifhuma bħala prattiki karatteristikament inklużivi, l-evidenza tissuġġerixxi li l-iżvilupp tal-edukazzjoni inklużiva jista' jkun mod importanti biex jiġi miġġieled l-ESL fost studenti b'diżabilitajiet/bi ħtiġijiet edukattivi speċjali.

# RIŻULTATI TAL-PROĠETT

Ġew ippubblikati żewġ rapporti fuq il-websajt tal-Aġenzija u s-sejbiet kienu ppreżentati f'konferenza internazzjonali għal psikologi tal-iskola.

- L-Aġenzija Ewropea għall-Ħtiġijiet Speċjali u l-Edukazzjoni Inklużiva, 2016. *Early School Leaving and Learners with Disabilities and/or Special Educational Needs: A Review of the Research Evidence Focusing on Europe [Tluq Bikri mill-Iskola u Studenti b'Diżabbiltà u/jew bi Ħtiġijiet Edukattivi Speċjali: Analiżi tal-Evidenza tar-Riċerka li Tiffoka fuq l-Ewropa].* (A. Dyson u G. Squires, eds.). Odense, id-Danimarka

Dan ir-rapport jistabbilixxi s-sejbiet ta' analiżi tal-evidenza tar-riċerka dwar l-ESL fl-Ewropa, b'referenza partikolari għaż-żgħażagħ identifikati bħala li għandhom diżabilitajiet/ħtiġijiet edukattivi speċjali. L-analiżi tiffoka primarjament fuq materjal ippubblikat li huwa relatat direttament mas-sitwazzjoni f'pajjiż Ewropew wieħed jew iktar u li huwa disponibbli bl-Ingliż. Madankollu, hemm nuqqas ta' riċerka li tissodisfa dawn il-kriterji. Il-letteratura tar-riċerka Ewropea għalhekk kienet supplimentata, fejn meħtieġ, b'letteratura minn partijiet oħra tad-dinja.

- L-Aġenzija Ewropea għall-Ħtiġijiet Speċjali u l-Edukazzjoni Inklużiva, 2017. *Early School Leaving and Learners with Disabilities and/or Special Educational Needs: To what extent is research reflected in European Union policies? [Tluq Bikri mill-Iskola u Studenti b'Diżabbiltà u/jew bi Ħtiġijiet Edukattivi Speċjali: Sa liema punt ir-riċerka hija riflessa fil-politiki tal-Unjoni Ewropea?].* (G. Squires u A. Dyson, eds.). Odense, id-Danimarka

Dan ir-rapport ikopri fil-qosor il-letteratura ta' riċerka prinċipali dwar studenti b'diżabilitajiet/bi ħtiġijiet edukattivi speċjali fir-rigward tal-fenomenu tal-ESL u jqabbel is-sejbiet u l-implikazzjonijiet tagħha mal-pożizzjonijiet adottati mid-dokumenti ta' polika tal-UE. L-analiżi twassal għal rakkomandazzjonijiet dwar kif dawk li jfasslu l-politiki jistgħu jittrattaw il-kwistjoni tal-ESL b'mod iktar effettiv, b'mod partikolari għaliex dan għandu impatt fuq l-istudenti b'diżabilitajiet/bi ħtiġijiet edukattivi speċjali.

- Squires, G., 2017. *Early School Leaving and SEN: Understanding the literature and policy in Europe [Tluq Bikri mill-Iskola u diżabilitajiet/ħtiġijiet edukattivi speċjali: Nifhmu l-letteratura u l-politika fl-Ewropa].* Dokument ippreżentat fil-Konferenza tal-Assoċjazzjoni Internazzjonali tal-Psikoloġija tal-Iskola tal-2017, Manchester, ir-Renju Unit, is-Sibt 22 ta' Lulju 2017

L-iżvilupp tal-mudell biex wieħed jifhem il-proċessi li jwasslu għall-ESL kien ippreżentat f'konferenza internazzjonali għall-psikologi tal-iskola. Dan intlaqa' sew, bil-parteċipanti li riedu jużaw il-mudell fil-livell skolastiku.



Segretarjat:

Østre Stationsvej 33
DK-5000
Odense C
Denmark
Tel: +45 64 41 00 20
secretariat@european-agency.org

Uffiċċju ta’ Brussell:

Rue Montoyer 21
BE-1000
Brussels
Belgium
Tel: +32 2 213 62 80
brussels.office@european-agency.org

www.european-agency.org

MT